MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 420/2008

**A B C u**
**D E (gia F) f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri G F**

**-vs-**

**H F u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C u D F fejn dawn wara li ppremettew:

Illi l-attrici D F welldet tifla gewwa l-Pieta', fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007) li giet moghtija l-isem ta' G F.

Illi t-twelid gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' Att ta' Twelid numru tlett elef hames mija u hamsa zbarra elfejn u sebgha (3505/2007). (Dok. A)
Illi mill-Att tat-Twelid tal-minuri G F jirrizulta illi fil-kolonna tal-"Isem u Kunjom Missier it-Tarbija" gie registrat isem ir-ragel ta' l-attrici D F, cioe' l-intimat H F, u dana peress illi kien ghadu legalment mizzewweg ma' omm it-tarbija meta l-istess minuri giet koncepita.

Illi l-attrici ilha sseparata minn mar-ragel taghha H F mis-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008), u dan kif jidher mill-kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Patrick Vella Haber.

Illi l-attur A B C, huwa fil-fatt il-missier naturali tal-minuri G F. (Dok. B)

Illi l-paternita' tal-minuri G giet stabbilita permezz ta' testijiet genetici appoziti; ir-rizultati ta' liema test jistghu jigu kkonfermati bil-gurament fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi dikjarata l-paternita' reali taghha;

Illi l-istess A B C, ghandu jkun maghruf bhala missier il-minuri, u ghalhekk ic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri ghandu jirrifletti dan bid-debita korrezzjoni.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-minuri G F, imwielda fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007), ma hijiex bint H F kif indikat fl-anness certifikat;

2. Tiddikjara illi missier naturali tal-minuri G F, imwielda fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007) huwa l-attur A B C.

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi minuri li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3505/2007, billi jithassar minnu kull referenza ghall-konvenut H F u l-konnotati riferibbli ghalih u invece dan jigi sostitwit bl-isem "A B C", "Impjegat", "32", "Bangazi, Libya", "Siggiewi", "I A B C (Mejjet)".

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi minuri li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3505/2007, billi kunjom il-minuri ma jibqax "F", izda jsir "B C E".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, ir-rikorrent B C A ghandu jispecifika d-dettal tal-passaport numru jew numru tal-karta ta' l-identita' tieghu sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrent jintlaqghu, dan id-dettal ikun jista' jigi inserit fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra. Inoltre l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett u l-kliem "the said" ghandhom jigu kancellati minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettalji ta' l-omm fuq l-Att tat-Twelid relattiv.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Art. 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota a fol. 31 tal-process li permezz taghha l-konvenut H F ammetta t-talbiet attrici.

Rat l-affidavit kollha u d-dokumenti.

Jirrizulta illi D E (gia F) welldet tifla fl-14 ta' Ottubru 2007 li nghatat l-isem ta' G F. Il-kunjom F huwa fil-fatt kunjom zewg l-attrici li minnu kienet fil-mument tat-twelid, ghadha m'hijiex mifruda legalment ghalkemm kienet ilha mifruda de facto ghal xi snin.

Jirrizulta pruvat ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti, partikolarment mill-ezamijiet xjentifici li saru, kif konfermati bil-gurament mill-ispizjara Marisa Cassar, illi t-tifla G hija fil-fatt bint l-attur A B C.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti;

Tilqa' t-tieni t-talba;

Tilqa' t-tielet talba u tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 3505/2007 minflok il-konnotati ta' H F jitnizzlu l-konnotati ta' "A B C," "impjegat", ta' eta' ta' 32 sena, imwieled Bengazi Libja, residenti Siggiewi, iben I A B C (mejjet). Tordna ukoll illi isem it-tarbija jitnizzel bhala B C E.

Il-Qorti tordna ukoll li l-kliem " the said" ghandhom jigu kancellati minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettalji tal-omm fuq l-Att tat-Twelid.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------